# IĊ-ĊIKLU TA' DOHA U L-AGRIKOLTURA

Iċ-Ċiklu ta' Doha huwa l-aħħar ċiklu ta' negozjati kummerċjali tad-WTO. Varat fl-2001, ikkaratterizza l-bidu ta' negozjati agrikoli ġodda: il-membri tad-WTO impenjaw ruħhom li jiżguraw titjib sostanzjali fl-aċċess għas-suq u li jirtiraw gradwalment il-forom kollha ta' sussidji għall-esportazzjoni fl-appoġġ intern li jgħawweġ il-kompetizzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jingħataw trattament speċjali u differenzjali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 207(3) u 218 tat-TFUE.

Il-qafas tan-negozjati agrikoli attwali ġie definit mill-Artikolu 20 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura ta' Marrakech (AA). Skont it-termini ta' dak l-artikolu, il-membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ikkonfermaw li t-tnaqqis fl-appoġġ u l-protezzjoni agrikola huwa proċess kontinwu li għandu jiġi applikat b'mod progressiv. L-Artikolu 20(d) jispeċifika li n-negozjati għandhom iqisu kunsiderazzjonijiet ta' natura mhux kummerċjali (pereżempju l-protezzjoni tal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, l-iżvilupp rurali, il-benesseri tal-annimali, eċċ.) u t-trattament speċjali u differenzjat favur il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

## IĊ-ĊIKLU TA' DOHA: MINN CANCÚN GĦAL BUENOS AIRES

Ir-Raba' Konferenza Ministerjali tad-WTO, li saret f'Doha (il-Qatar) f'Novembru 2001, ikkaratterizzat il-bidu taċ-Ċiklu ta' Doha (imsejjaħ ukoll l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA)).

### A. Minn Cancún għal Buenos Aires

Minn dak iż-żmien, ftit biss mill-iskadenzi miftiehma ntlaħqu. Il-Konferenza Ministerjali ta' Cancún fl-2003 kienet falliment. Bosta fatturi kkontribwew għal dan, b'mod partikolari n-nuqqas ta' rieda politika biex jitqarrbu l-pożizzjonijiet tal-membri u anke l-kontroversja dwar il-"kwistjonijiet ta' Singapore": il-kummerċ u l-investiment, il-politika dwar il-kompetizzjoni, it-trasparenza tal-kuntratti pubbliċi u l-miżuri biex jitħaffef il-kummerċ. Għaldaqstant, jekk il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-agrikoltura servew ta' ostaklu mhux traskurabbli, ir-rifjut tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jiddiskutu l-"kwistjonijiet ta' Singapore" kkontribwixxa b'mod deċiżiv għall-falliment tal-konferenza.

Il-proċess reġa' ġie varat fil-bidu tal-2004, bir-riżultat ikun il-Ftehim Qafas tal-Kunsill Ġenerali li stabbilixxa l-prinċipji ewlenin tal-"modalitajiet" tan-negozjati. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni neħħiet mill-Programm ta' Doha tlieta mill-"kwistjonijiet ta'

Singapore". Id-diverġenzi bejn il-membri setgħu jkomplu jitnaqqsu waqt il-Konferenza Ministerjali ta' Hong Kong, f'Diċembru 2005. Finalment, numru ta' abbozzi riveduti tal-modalitajiet ġew ippreżentati fl-2008, li pprovdew abbozz għall-ftehim finali li kellu jintlaħaq f'Ġinevra. Il-"Pakkett ta' Lulju 2008" (TN/AG/W/4/Rev. 3) kien jikkonċerna l-punti li ġejjin:

**a.** Appoġġ intern

— L-"appoġġ intern globali li għandu effetti ta' distorsjoni kummerċjali" (il-kaxxa l-oranġjo + il-kaxxa l-blu + il-klawsola de minimis) (ara l-iskeda 3.2.7) jitnaqqas b'75-85% għall-Unjoni Ewropea, b'66-73% għall-Istati Uniti u l-Ġappun, u b'50-60% għall-membri l-oħra (fuq medda ta' ħames snin għall-pajjiżi żviluppati, fuq medda ta' tmien snin għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw). Dan japplika tnaqqis immedjat ta' 33% fl-Istati Uniti, fl-UE u fil-Ġappun, u ta' 25% fil-pajjiżi l-oħra.

— Il-"kaxxa l-oranġjo" (jew MGS) (ara l-iskeda 3.2.7) tonqos b'mod ġenerali b'70% fl-UE, b'60% fl-Istati Uniti u fil-Ġappun, u b'45% fil-pajjiżi l-oħra. Il-prezzijiet u l-għajnuna għal kull prodott ikunu limitati għall-medja tal-appoġġ oranġjo nnotifikat għall-perjodu 1995-2000.

— Il-"kaxxa l-blu" (ara l-iskeda 3.2.7) tkun limitata għal 2.5% tal-produzzjoni għall-pajjiżi żviluppati u 5% għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'limiti massimi għal kull prodott (NB: dawn il-limiti m'għadhomx japplikaw).

— Il-"klawsola de minimis" (ara l-iskeda 3.2.7) tibqa' limitata għal 2.5% tal-produzzjoni għall-pajjiżi żviluppati (dan il-limitu issa huwa 5%) u għal 6.7% (issa 10%) għal dawk li qed jiżviluppaw (imma mhux se jkun hemm tnaqqis jekk l-appoġġ jirrigwarda b'mod prinċipali l-produtturi li jipprattikaw agrikoltura ta' sussistenza).

— Il-kundizzjonijiet tal-"kaxxa l-ħadra" (ara l-iskeda 3.2.7) isiru aktar severi.

**b.** Aċċess għas-swieq

— Id-dazji doganali jitnaqqsu skont formula li tippreskrivi tnaqqis ikbar għad-dazji għoljin. Għall-pajjiżi żviluppati, it-tnaqqis ivarja minn 50% (għad-dazji inqas minn 20%) għal 70% (għad-dazji ogħla minn 75%), bi tnaqqis medju minimu ta' 54% għall-pajjiżi żviluppati u bejn 33.3 u 44-48% għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-pajjiżi l-anqas żviluppati se jkunu eżentati minn kull tnaqqis.

— Il-"prodotti sensittivi" (għall-pajjiżi kollha) u l-"prodotti speċjali" (għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw) ikunu soġġetti għal tnaqqis iżgħar. Madankollu, it-tnaqqis għall-prodotti sensittivi jista' jkun ikkumpensat bi kwoti tariffarji għal rati preferenzjali, u l-prodotti speċjali jistgħu jiġu eżentati minn kull tnaqqis.

— Il-"klawsola ta' salvagwardja speċjali" (ara l-iskeda 3.2.7) titneħħa b'mod progressiv fil-pajjiżi żviluppati. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikollhom mekkaniżmu ġdid ta' salvagwardja speċjali għal 2.5% tal-linji tariffarji, li jippermettulhom li jżidu temporanjament id-dazji doganali sabiex jaffaċċjaw il-pressjoni tal-importazzjonijiet u r-roħs tal-prezzijiet.

**c.** Kompetizzjoni fl-esportazzjoni

— Is-sussidji għall-esportazzjoni (ara l-iskeda 3.2.7) ikunu eliminati, inklużi s-sussidji mistoħbijin fil-kreditu għall-esportazzjoni, fid-dixxiplini relattivi għall-impriżi kummerċjali tal-istati esportaturi jew fl-għajnuna alimentari mhux urġenti.

Fis-6 ta' Diċembru 2008, il-president tal-Grupp tan-Negozjati dwar l-Agrikoltura qassam l-aħħar abbozz rivedut tiegħu tal-"modalitajiet". Fuq din il-bażi, id-Disa' Konferenza Ministerjali ta' Diċembru 2013 f'Bali, għażlet għadd ta' kwistjonijiet agrikoli bil-ħsieb li jintlaħqu ftehimiet parzjali. Fl-aħħar nett, fl-Għaxar Konferenza Ministerjali li saret f'Diċembru 2015 f'Nairobi, intlaħaq ftehim.

**B.** Il-Pakkett ta' Nairobi (2015)

Il-Konferenza Ministerjali ta' Nairobi adottat erba' deċiżjonijiet ġodda dwar l-agrikoltura, li jiffokaw fuq:

— Il-kompetizzjoni fl-esportazzjoni. Din id-deċiżjoni tiġbor flimkien is-sussidji għall-esportazzjoni ma' tipi oħra ta' strumenti li jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni. Rigward is-sussidji għall-esportazzjoni, il-pajjiżi żviluppati huma meħtieġa jneħħuhom immedjatament (bl-eċċezzjoni ta' xi sussidji fuq prodotti pproċessati, li t-tneħħija tagħhom ġiet posposta sal-2020). Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ukoll jeliminaw kull xorta ta' sussidju għall-esportazzjoni sa tmiem l-2023. Il-ftehim jippermetti li titħaffef it-tneħħija tas-sussidji fuq il-qoton.

— Iż-"żamma ta' stokkijiet pubbliċi għal skopijiet ta' sigurtà alimentari" fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Taħt pressjoni mill-G33 (ara hawn taħt), fil-Konferenza Ministerjali ta' Bali, il-membri tad-WTO qablu li ma jikkontestawx dawn il-programmi legalment għal skopijiet ta' sigurtà alimentari. It-test il-ġdid jestendi dan il-ftehim sakemm tinstab soluzzjoni permanenti;

— il-qoton. Il-ftehim il-ġdid jistipula li l-pajjiżi żviluppati jridu jagħtu aċċess għas-swieq eżentati mid-dazju u mingħajr kwota fuq l-esportazzjoni tal-qoton li joriġina minn pajjiżi anqas żviluppati mill-1 ta' Jannar 2016. Impenji simili se jittieħdu ulterjorment mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari ċ-Ċina;

— il-"mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw". Il-pajjiżi esportaturi ta' prodotti agrikoli (bħall-Awstralja, il-Brażil jew l-Istati Uniti) dejjem opponew iż-żieda, anke temporanja, tad-dazju doganali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'reazzjoni għal żidiet f'daqqa tal-importazzjonijiet jew għal tnaqqis fil-prezzijiet. Id-deċiżjoni l-ġdida tistipula li dawn il-pajjiżi jkunu intitolati għal mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali bbażat fuq sollijiet skattaturi msejsa fuq il-kwantitajiet importati u l-prezzijiet.

Barra minn hekk, il-Pakkett ta' Nairobi ssimplifika r-regoli preferenzjali tal-oriġini għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u d-deroga attwali għas-servizzi ta' dawn il-pajjiżi ġiet estiża (sal-31 ta' Diċembru 2030).

Il-Konferenza ta' Nairobi kkonfermat bidla fl-approċċ fin-negozjati kummerċjali li tiffavorixxi l-ftehimiet parzjali. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni Ministerjali rrikonoxxiet li l-membri tad-WTO ma jikkondividux l-istess fehma rigward il-kwistjoni tat-tkomplija tan-negozjati kummerċjali fil-qafas tal-istruttura ta' Doha.

**C.** Buenos Aires (2017)

Għalkemm fil-11-il Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires (10-13 ta' Diċembru 2017) kellu jsir progress sostanzjali dwar l-aġenda ta' Doha, din spiċċat biex tat riżultati limitati ħafna. Dawn kienu jikkonsistu f'sempliċi impenn biex titkompla l-ħidma fuq għadd ta' kwistjonijiet, inkluża l-agrikoltura (bla ma ġew stabbiliti programmi ta' ħidma preċiżi), u f'diversi dikjarazzjonijiet minn gruppi ta' pajjiżi dwar suġġetti ta' interess komuni.

## IL-POŻIZZJONIJIET TAL-ATTURI TAD-WTO: IS-SITWAZZJONI ATTWALI

- L-Unjoni Ewropea dejjem ippruvat tikseb sistema ta' kummerċ multilaterali li tkun aktar orjentata lejn is-suq, iżda waħda li tqis kif xieraq is-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali, abbażi tal-isforzi li saru fl-oqsma tal-appoġġ intern [riformi tal-PAK (ara l-iskeda 3.2.3)] u l-aċċess għas-swieq [dispożizzjonijiet "Kollox ħlief Armi", (ara l-iskeda 5.2.3)]. L-UE ripetutament iddikjarat l-impenn tagħha favur approċċ bilanċjat għar-riforma li għaddejja tas-sistema kummerċjali agrikola, li jinvolvi trattament speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, impenji speċifiċi favur l-hekk imsejħa prodotti sensittivi kif ukoll rikonoxximent effettiv tal-kunsiderazzjonijiet ta' natura mhux kummerċjali. L-inizjattiva l-aktar riċenti tal-UE kienet proposta konġunta UE-Brażil biex jintlaħaq ftehim dwar reviżjonijiet tad-dixxiplini li jikkonċernaw l-appoġġ agrikolu intern u biex tiġi solvuta l-kwistjoni taż-żamma tal-istokkijiet pubbliċi, proposta li tressqet qabel il-11-il Konferenza Ministerjali li saret fi Buenos Aires f'Diċembru 2017. Wara li l-konferenza naqset milli tilħaq ftehim biex l-appoġġ intern jiġi limitat, il-Kummissarju għall-Kummerċ, Malmström, esprimiet id-dispjaċir tagħha pubblikament dwar in-nuqqas ta' eżitu multilaterali u appellat għal azzjoni fid-dawl tal-konferenza ministerjali li jmiss – it-Tnax-il Konferenza Ministerjali (MC 12), li għandha ssir fil-Każakistan f'Ġunju 2020.
- L-Istati Uniti qed jadottaw approċċ kritiku ħafna għal kwistjonijiet multilaterali, u mindu Trump sar president, qed jinjoraw il-proċessi ta' governanza dinjija (l-ewwel u qabel kollox, id-WTO u l-ftehim dwar il-klima COP 21 konkluż f'Pariġi f'Diċembru 2016). Jingħad li n-nuqqas ta' progress fl-aħħar Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires huwa minħabba r-rifjut tal-Istati Uniti li jikkunsidraw il-possibbiltà ta' soluzzjoni permanenti għall-kwistjoni taż-żamma tal-istokkijiet pubbliċi, li ġiegħel lill-membri l-oħra tad-WTO jimblukkaw deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet l-oħra kollha.
- Iċ-Ċina, l-Indja u r-Russja: iċ-Ċina u l-Indja qed jitolbu l-eliminazzjoni tal-allowances tal-AMS bħala prekundizzjoni għal taħditiet ulterjuri, peress li huma favur kundizzjonijiet ekwi għall-membri kollha tad-WTO. Iċ-Ċina u l-Indja jsostnu li l-UE, l-Istati Uniti u l-Kanada kienu qed jagħtu konsistentement sussidji li jgħawġu l-kummerċ lill-bdiewa tagħhom f'livelli ferm ogħla mil-limitu massimu applikabbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u għalhekk iqisu l-eliminazzjoni tal-allowances tal-AMS bħala l-punt ta' tluq tan-negozjati, bil-kuntrarju tal-UE li għandha l-għan li tnaqqashom. Qabel il-11-il Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires, ir-Russja ressqet (1) proposta ġdida li talbet għal tneħħija gradwali u eliminazzjoni eventwali tas-salvagwardji speċifiċi (SSGs) permessi skont il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, u

(2) abbozz ta' deċiżjoni biex tinstab "soluzzjoni permanenti" dwar il-kwistjoni taż-żamma tal-istokkijiet pubbliċi għal raġunijiet ta' sigurtà alimentari.

— Il-Grupp ta' Cairns, li jiġbor fih 17-il pajjiż esportatur b'interess komuni li jnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ li huma ta' dannu għall-agrikoltura, huwa kritiku ħafna tal-pajjiżi żviluppati li jżommu livell għoli ta' sussidji. Qabel il-11-il Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires, il-Grupp ippropona li (1) il-produzzjoni u l-appoġġ interni jridu jkunu soġġetti għal skrutinju akbar bil-ħsieb li jsir aktar progress fil-proċess ta' riforma, (2) id-dixxiplini dwar l-appoġġ intern għall-produzzjoni u li jgħawweġ il-kummerċ irid ikollhom impatt restrittiv, u (3) il-konċentrazzjoni speċifika għall-prodott tal-appoġġ irid jiġi indirizzat.

— Il-pajjiżi tal-G10 (grupp ta' pajjiżi żviluppati li huma importaturi netti tal-ikel, fosthom il-Ġappun, in-Norveġja u l-Iżvizzera) huma favur qafas ġdid ibbażat fuq il-valur tal-produzzjoni agrikola. Huma ma tantx jixtiequ jiddiskutu l-appoġġ speċifiku għall-prodott u mhumiex lesti jaċċettaw tnaqqis drastiku fis-sussidji tagħhom li jgħawġu l-kummerċ.

— Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jirrappreżentaw tliet kwarti tal-membri tad-WTO, jippruvaw jissalvagwardjaw l-għelejjel tagħhom u jenfasizzaw il-preokkupazzjonijiet mhux kummerċjali (is-sigurtà alimentari, il-mezzi ta' sussistenza, il-faqar, l-impjiegi rurali, eċċ.). Barra minn hekk, dawn jitolbu trattament speċjali u differenzjat adattat għall-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom. Qabel il-konferenza ta' Buenos Aires, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ressqu għadd ta' proposti biex jiġu limitati l-appoġġ li jgħawweġ il-kummerċ u l-AMS speċifiku għall-prodott. Il-pajjiżi C-4 (Benin, Burkina Faso, Chad u Mali) talbu b'mod partikolari għal tnaqqis fl-appoġġ li jgħawweġ il-kummerċ mogħti mill-pajjiżi żviluppati lis-settur tal-qoton.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Filwaqt li jiskrutinizza lill-Kummissjoni biex jiżgura li tirrispetta l-mandat ta' negozjar li ngħatalha, il-Parlament dejjem appoġġja l-isforzi tar-rappreżentanti Ewropej biex iċ-Ċiklu ta' Doha jitmexxa 'l quddiem u jintlaħaq ftehim bilanċjat [riżoluzzjonijiet tal-4 ta' April 2006 (ĠU C 293 E, 2.12.2006), tad-9 ta' Awwissu 2008 (ĠU C 9 E, 15.1.2010), tas-16 ta' Diċembru 2009 (ĠU C 286 E, 22.10.2010), tal-14 ta' Settembru 2011 (ĠU C 286 E, 22.2.2011), tal-21 ta' Novembru 2013 (T7-0511/2013), tas-26 ta' Novembru 2011 (ĠU C 366, 27.10.2017) u tal-15 ta' Novembru 2017 (P8_TA(2017)0439)].

Delegazzjoni tal-PE attendiet l-aħħar konferenza parlamentari tad-WTO li saret fil-marġini tal-11-il Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires f'Diċembru 2017.

François Nègre
02/2020